***Ruling* mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia, mogħti fis-Seduta 458 tal-Erbgħa, 10 ta' Mejju 2021 dwar punt imqajjem mill-Onor. Mario de Marco dwar *misleading* tal-Kamra**

Is-Sedja tagħmel referenza għal talba għal *ruling* magħmula mill-Onor. Mario Demarco fis-Seduta 457 tal-5 ta' Mejju 2021 u nikkwota:

> "**ONOR. MARIO DE MARCO:** Sur President, xtaqt nagħmel referenza għall-*USB clip* li ġie ppreżentat mill-Onor. Jean Claude Micallef ilbieraħ, fejn ikkwota li jien għedt *"Malta is going to be grey listed"*. Nixtieq nippreżenta *USB clip* tal-intervista sħiħa li turi li dak li għedt jiena ġie *quoted out of context*. Jien għedt: "*If we don't get our act together, Malta is going to be grey listed"*. Għalhekk qed nitlob *ruling* mingħandek, Sur President, għaliex essenzjalment, fil-fehma tiegħi, l-Onor. Jean Claude Micallef ipprova jiżgwida lil din il-Kamra billi kkwota estratt strapolat mingħajr ma ħa s-sentenza kollha, biex ipoġġi lili f'dell ikrah.
>
> **L-ISPEAKER:** Grazzi. Onor. De Marco. Fil-fatt jiena smajt il-*clip*. Inzerta programm fuq *Net TV* bl-Ingliż. Forsi min intervistah ma kienx jitkellem bil-Malti. Jiena smajt il-*clip* u hemm tliet sentenzi fejn tgħid li hija *grey listed*. Minn dak li ppreżenta lbieraħ l-Onor. Jean Claude Micallef, hemm sentenza li tgħid:
>
> > *"Malta is going to be grey listed"*.
>
> Imbagħad għedt:
>
> > "*We'll be on a list which is deemed to be of high risk to financial crime"*.
>
> Imbagħad għedt:
>
> > *"We'll be the first country within the EU which was ever put on the grey list."*
>
> Jiġifieri tliet darbiet semmejt il-"*grey list*". Jjiġifieri mbagħad irranġajtha wara, Onor. De Marco? Ħalli nkun naf x'qed tgħid.
>
> **ONOR. MARIO DE MARCO:** Il-premessa hija: *"If we don't get our act together, Malta is going to be grey listed"*.
>
> **L-ISPEAKER:** Kollox sew. Issa naraha. Nitolbok tgħaddili l-*clip*.
>
> **ONOR. MARIO DE MARCO:** Neħħa l-*clip* "*If we don't get our act together"* u qal biss *"Malta is going to be grey listed"*. Il-premessa sħiħa u .... li jagħmel differenza sħiħa ....... biex jiżgwida. *Shame* fuq l-Onor. Micallef.
>
> **L-ISPEAKER:** L-Onor. Glenn Bedingfield.
>
> **ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Biex ma jkollniex ekwivoki, l-Onor. Mario de Marco qed jgħidilna "*If we don't get our act together"* u qed jikkonferma li llum Malta għaddiet ir-rapport ...
>
> **L-ISPEAKER:** Issa nara jien. L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, fil-materjal li ġie mgħoddi lili mill-Parlament ma jidhirlix li kien hemm dawn it-tliet battuti li għadek kif għedt inti.

**L-ISPEAKER:** Ħalli naqrahomlok eżatt għaliex għandi t-*transcript.* Se naqrahielek. Wara xulxin qegħdin. Ħalli naqrahomlok. Se naqrahomlok waħda waħda. 1) Il-*clip* tal-Onor. Jean Claude Micallef jgħid hekk: *"Malta is going to be grey listed*". 2) Warajha eżatt intqal: *"We will be on the list which is deemed to be of high risk to financial crime".* 3) *"We'll be the first country within the EU which was ever put on the grey list".* Jien qed nirreferik għall-*clip* li għaddieli l-Onor. Jean Claude Micallef. Però se nisma' wkoll il-*clip* li għaddieli issa l-Onor. De Marco. Jiġifieri trid kopja tal-*clip*?

L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Il-biċċa *clip* li ngħatajt ilbieraħ ma kenitx tgħid dawn it-tliet battuti li għadek kif ikkwotajt inti, Sur President. Min-naħa tal-Parlament għaddewli dak li suppost kien hemm fil-*pendrive,* però dawn it-tliet battuti ma kenux hemmhekk.

**L-ISPEAKER:** Ippermettili, Onor. Cutajar. M'iniex qed naqbel miegħek. Il-*clip* li għadda l-Onor. Jean Claude Micallef għandi t-*transcript* tagħha ..... (Interruzzjonijiet) Ma nafx, issa niċċekkja mal-Iskrivan tal-Kamra.

L-Onor. Jean Claude Micallef, jekk jogħġbok fil-qosor.

**ONOR. JEAN CLAUDE MICALLEF:** Sur President, wieħed jista' jibqa' jipprova jdur mal-lewża, wieħed jipprova jaħrab, però dak li ntqal intqal u jiena mgħallem biżżejjed ....

**L-ISPEAKER:** Issa nara jien.

**ONOR. JEAN CLAUDE MICALLEF:** Sur President, għandi fiduċja assoluta f'dak li tgħid inti. Naf eżatt wieħed x'qal, però dan huwa eżempju ieħor ċar li l-paroli żejjed lanqas ...

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Mario de Marco, jekk jogħġbok fil-qosor għaliex se nagħti *ruling.*

L-Onor. Mario Demarco kien qed jirreferi għal dak li qal l-Onor. Jean Claude Micallef fis-Seduta preċedenti, jiġifieri dik b'numru 456 tat-Tlieta, 4 ta' Mejju 2021, qabel ma tressaq l-aġġornament tal-Kamra u nikkwota:

> **"ONOR. JEAN CLAUDE MICALLEF:** Sur President, aktar kmieni ġejt mitlub mill-Onor. De Marco waqt il-ħin tal-mistoqsijiet biex nindika fejn qal hekk u meta fil-fatt. Fil-fatt ma kellix id-dokument f'idejja però nikkwota minn filmat li se npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, filmat mill-programm ...
>
> **L-ISPEAKER:** Ippermettili. Inti qed tirreferi għall-kwestjoni tal-*grey listing*, meta hu qal li inti għedt li hu qal li se jkun *grey listed*? Mela jekk jogħġbok għidha fil-qosor.

**ONOR. JEAN CLAUDE MICALLEF:** Fil-fatt huwa qal dan ċar u għalija żgwida lill-Kamra meta qal li ma qalx hekk. Tant hu hekk li qed inpoġġi wkoll fuq il-Mejda tal-Kamra filmat minn *clip* ta' Net TV fejn l-Onor. De Marco qal "*Malta will be grey listed, we'll be on a list deemed to be of high risk to financial crime"*. Nixtiequ jgħidilna jekk hijiex amnesija jew inkella falsità tal-Oppożizzjoni.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Għaddiha. Hawn ftehim biex jitressaq l-Aġġornament."

Is-Sedja hawn se tikkwota wkoll il-parti relevanti mill-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari li għamel referenza għaliha l-Onor Micallef fl-intervent tiegħu.

"**ONOR. JEAN CLAUDE MICALLEF:** Ministru, nirringrazzjak tal-ispjega li tajtna kemm fejn jidħol l-impjieg tal-ħaddiema mal-*Air Malta* kif ukoll fejn jidħlu l-finanzi ta' pajjiżna *vis-à-vis* id-*deficit* u bejn kif wieħed se jkun qiegħed jindirizzahom. Nixtieqek isserħilna rasna u ras il-poplu Malti li m'aħniex se nkunu qegħdin nirrikorru għall-*high deficit procedure* kif kien hemm fi żmenijiet Gvern Nazzjonalista. Kif anke kien qed jirrimarka l-Onor. de Marco fakkarni għal meta ftit tal-jiem ilu qal li Malta se tkun qiegħda tiġi *grey listed*. Nixtieqek tgħidilna jekk hemmx ir-riskju li Malta tkun *grey listed*. Nitolbok ukoll tispjegalna kif wieħed jista' ikun *grey listed*.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Mario de Marco, *on a point of order.*

**ONOR. MARIO DE MARCO:** Jiena qatt m'għedt li Malta se tiġi *grey listed*. Kien hemm ir-riskju li Malta tista' tiġi *grey listed,* però qatt m'għedt li Malta tiġi *grey listed*.

**L-ISPEAKER:** *Point of explanation.*

**ONOR. MARIO DE MARCO:** Fil-każ jgħidilna fejn jien għedt u jikkwota meta u għedt li Malta se tiġi *grey listed*.

**L-ISPEAKER:** Smajt il-verżjoni tal-Onor. de Marco. Ovvjament issa qegħdin *white listed*. Ta' *grey listed* x'kienet?

L-Onor. Jean Claude Micallef.

**ONOR. JEAN CLAUDE MICALLEF:** Sur President, qed nieħu gost li l-Onor. de Marco qiegħed jgħid li taħt dan il-Gvern ma jarax li se nkunu *grey listed*."

Fil-konsiderazzjoni tagħha dwar il-punt inkwistjoni, is-Sedja tibda billi tikkonstata li l-*video clip* li l-Onor. Jean Claude Micallef għadda lis-Sedja fis-seduta 456 tat-Tlieta, 4 ta' Mejju 2021 fis-6.20 pm, eżatt qabel l-Aġġornament tal-Kamra, meta qam jitkellem għal minuta biex jagħmel il-punt tiegħu, huwa l-istess *clip* li l-Iskrivan tal-Kamra, għadda lill-Onor Robert Cutajar, Whip tal-Oppożizzjoni fuq talba tal-istess Whip. F'dan il-*video clip* l-Onor. Mario de Marco jinstema jghid biss dan id-diskors mill-intervista:

"*Malta is going to be grey listed. We'll be on a list which is deemed to be of high risk to financial crime*"

Tikkonstata li dan il-*clip* kien dak li s-Sedja kellha fil-pussess taghha fis-6.20pm.

Tinnota li l-*video clip* li ġie mgħoddi lis-Sedja ħames minuti wara mill-Onor. Jean Claude Micallef kien jikkonsisti f'diskors itwal tal-Onor. Mario de Marco u li kien jibda mill-istess parti tal-istess intervista.

> **"ONOR. MARIO DE MARCO:** *Malta is going to be grey listed. We'll be on a list which is deemed to be of high risk to financial crime. We'll be the first country within the EU which was ever put on the grey list. The countries on the grey list are countries like Botswana, Gambia, Pakistan ...*"

Hawnhekk is-Sedja tiċċara li bħala dokument se tqis li dak li għaddielha l-Onor. Jean Claude Micallef fis-6.20pm fis-Seduta 456 tat-Tlieta, 4 ta' Mejju 2021 huwa r-*record* li s-Sedja se tqis li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Onor. Membru. Hawnhekk is-Sedja tixtieq tiċċara li b'dak li ġie mgħoddi lilha sa dak il-mument, is-Sedja kienet qed tifhem li kien l-argument komplet li għamel l-Onor. de Marco.

Is Sedja ħadet nota tal-*video clip* li ġie mgħoddi lilha mill-Onor. de Marco fis seduta 457 tal-Erbgħa, 5 ta' Mejju 2021. Is-Sedja se tikkwota mill-parti relevanti ta' dan il-*clip* li jidher li fih id-diskors li ntqal mill-Onor. Mario De Marco eżattament qabel dak id-diskors li saret referenza għalih mill-Onor. Jean Claude Micallef. Is-Sedja dejjem qed tirreferi għall-intervista li xxandret fuq Net TV fil-programm "Magħkom" nhar it-3 ta' Lulju 2020.

> "*MoneyVal was very generous with us; it effectively gave us one year within which to bring our act together.* ***If we don't get our act together Malta is going to be grey listed. We'll be on a list which is deemed to be of high risk to financial crime. We'll be the first country within the EU which was ever put on the grey list.****"*

Mill-qari ta' din it-traskrizzjoni s-Sedja tinnota mill-ewwel li d-diskors tal-Onor. de Marco li saret referenza għalih mill-Onor. Jean Claude Micallef kien qiegħed jingħad f'kuntest differenti totalment minn kif ġie deskritt mill-Onor Micallef, u dan minħabba li fil-*clip* kien hemm nieqes il-premessa ta' dak li effettivament wasal għalih l-Onor. de Marco.

Is-Sedja tinnota u mill-ewwel tgħid bla tlaqliq li dak li gie ppreżentat lilha mill-Onor. Jean Claude Micallef ma kienx komplet u li kien jagħti allura stampa differenti u ċertament mhux korretta u veritiera ta' dak li kien qed jgħid l-Onor. De Marco waqt din l-intervista kollha.

F'dan ir-rigward is-Sedja qiegħda tara jekk dak li qal l-Onor. Micallef fis-Seduta 456 tat-Tlieta, 4 ta' Mejju 2021 jistax jitqies li jmur kontra dak li jgħid l-Ordni Permanenti 60 li jgħid hekk:

> **"60.** Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru."

Qiegħda tara wkoll jekk bil-preżentazzjoni tal-*video clip* u l-asserzjoni li saret mill-Onor. Micallef fir-rigward, jistgħux jitqiesu li jammontaw għal każ lampanti ta' *misleading* tal-Kamra u tas-Sedja, u allura ta' nuqqas ta' qima lejn il-persuna li tippresjedi l-Kamra u lejn il-Membri tagħha. Qiegħda tara għalhekk jekk dan l-aġir jistax jikkwalifika bħala ksur tal-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privileġġi tal-Kamra Kap. 113 *ai termini* tal-Artikolu 11(4)(b):

> "(*b*) kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;."

ikun reat kontra dan l-Att.

Tara li ma hux il-każ li jiġi mistħarreġ dan ir-reat ladarba l-każ ma tqajjimx mal-ewwel opportunità.

Minkejja dan, is-Sedja tara u tistenna li kull Membru ta' din il-Kamra għandu personalment jaċċerta ruħu li jkollu l-istampa sħiħa u fl-intier tagħha tal-materja li jkun se jittratta biex meta jindirizza lill-Kamra dejjem ikun korrett u leali lejn il-fatti.

Is-Sedja tiddeplora dawn it-tip ta' inċidenti bejn il-Membri tal-Kamra għaliex partikolarment f'dan iż-żmien fejn kollox jixxandar fuq il-mezzi tal-*media*, hija r-reputazzjoni tal-istituzzjoni tal-Parlament Malti li tispiċċa tbati.

Għalhekk is-Sedja qiegħda titlob, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, li l-Onor. Jean Claude Micallef jagħmel apoloġija lill-Onor. de Marco.

Is-Sedja tisħaq fuq l-importanza tal-osservanza tal-Ordni Permanenti 60 u r-rispett reċiproku li għandu jkun hemm bejn il-Membri kollha tal-Kamra. Filwaqt li tagħraf il-jedd u d-dover li Membru jikkritika biex jaqdi l-mandat parlamentari tiegħu, is-Sedja ttenni li din l-istess kritika għandha ssir b'mod meqjus u fl-osservanza tar-regolamenti tal-Kamra li jipprovdu r-rimedji kif dan isir b'mod ċivili, demokratiku u trasparenti.